# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/1816

## tas-7 ta' Ottubru 2016

## li taħtar membru, propost mir-Renju tan-Netherlands fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Netherlandiż,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 [1], (UE) 2015/190 [2] u (UE) 2015/994 [3] li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fit-18 ta' Settembru 2015, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1573 [4], is-Sur R.E. (Ralph) DE VRIES ġie sostitwit mis-Sur J.A. (John) JORRITSMA bħala membru.

(2) Wara tmiem il-mandat tas-Sur J.A. (John) JORRITSMA, sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sur K. (Klaas) KIELSTRA, *Gedeputeerde in de provincie Fryslân*.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. LAJČÁK

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1573 tat-18 ta' Settembru 2015 li taħtar erba' membri Netherlandiżi u ħames membri supplenti Netherlandiżi fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 245, 22.9.2015, p. 10).